**Editur** David Agius Muscat

# L-Ittri tal-Alfabetti l-Qodma tal-Malti



L-AKKADEMJA TAL-MALTI

# Alfabett wieħed

Matul l-aħħar sekli l-kittieba kienu jtellgħu u jniżżlu kif se jippreżentaw l-alfabett Malti. Ħafna minnhom qablu li l-Malti kellu jinkiteb bl-ittri Latini, imma meta waslu għal ċerti ittri, bħall-gutturali, min uża l-ittri Għarab, min uża l-ittri Latini u żied xi sinjali magħhom, u min ħoloq ittri ġodda. Dan kollu ħoloq numru ta' alfabetti differenti.

Fl-1924 l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, xandret l-alfabett uffiċjali tagħha. Dan l-alfabett laqgħuh ħafna mill-kittieba ta' dik il-ħabta u biż-żmien beda jużah kulħadd. Il-Gvern irrikonoxxieh fl-1934.



***L-ewwel kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti***
*Bilwieqfa: Ġużè Micallef, Rogantin Cachia, Alfons Marija Borg, Franġisku Saverju Caruana u Ġużè Micallef Goggi*
*Bilqiegħda: Ġużè Darmanin Demajo, Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat Azzopardi (President), Ġanni Vassallo u Ninu Cremona*

# Alfabetti storiċi

L-alfabetti differenti kienu biċċa wġigħ ta' ras għall-istampaturi ta' dak iż-żmien għax mhux dejjem kien ikollhom l-ittri ddisinjati kollha li kienu jixtieqKu l-kittieba. L-alfabetti kienu biċċa wġigħ ta' ras ukoll għal dawk li xtaqu jaqraw bil-Malti – l-aktar it-tfal li l-iskola kienu jitgħallmu jiktbu ħoss mod u mbagħad jarawh miktub mod ieħor fil-kotba u fil-gazzetti. Għal ħafna, l-alfabetti differenti żammew lura t-tagħlim tal-qari u tal-kitba bil-Malti.

Illum li d-diskussjoni fuqhom ingħalqet, l-alfabetti differenti saru jinteressaw lill-istudjużi u lill-istudenti biss. Is-sabiħ tal-alfabetti l-qodma huwa li jikxfu kif l-antiki kienu jħarsu lejn il-Malti matul iż-żmien.

# Il-proġett tal-Akkademja tal-Malti

Għadd ġmielu mill-ittri tal-alfabetti l-qodma ma jinstabux fis-sistemi diġitali tal-lum. Għalhekk ir-riċerkaturi u l-pubblikaturi jew joħolqu huma dawk l-ittri li jkollhom bżonn għal kull studju, jew jużaw ittri oħrajn li jkunu jixbhuhom, inkella jkollhom jaqilbu l-ittri l-qodma skont l-ittri tal-alfabett modern.

Huwa għalhekk li fl-2018 l-Akkademja tal-Malti bdiet taħdem fuq l-identifikazzjoni u t-tfassil tal-ittri li dehru fl-alfabetti l-qodma kollha.

Ħafna minnhom ma jinstabu fl-ebda lingwa u kellhom jinbnew mill-ġdid.

L-Akkademja tal-Malti qed tagħmel dawn l-ittri aċċessibbli għal kulħadd u jistgħu jitniżżlu b'xejn mis-sit *akkademjatalmalti.org*

Kull min juża dawn l-ittri f'kull tip ta' pubblikazzjoni jew teżi huwa mitlub jinkludi fiha din in-nota: *F'dan ix-xogħol intużat it-tipa tal-Akkademja tal-Malti bbażata fuq it-Times New Roman.*

# It-tliet settijiet

Akkademja1
Akkademja2
Akkademja3

L-Akkademja identifikat 126 ittra żgħira u 112-il ittra kbira. Hemm differenza fin-numru minħabba li xi ittri, fosthom l-ittri tal-Għarbi, m'għandhomx il-verżjoni majjuskola. Dawn inħadmu bl-istili kollha. Għalhekk jistgħu jidhru b'mod regolari, bil-korsiv, bil-grassett, jew bil-grassett u bil-korsiv f'daqqa. Dan ifisser li b'kollox inħadmu 952 karattru.

L-ittri nħadmu fuq it-tipa Times New Roman. Dan għaliex wara konsultazzjoni mal-pubblikaturi lokali sirna nafu li din hija t-tipa li huma jużaw l-aktar meta jippubblikaw il-kitbiet akkademiċi.

L-ittri tqassmu fuq tliet tastieri b'sett għal kull waħda: Akkademja1, Akkademja2 u Akkademja3. Dawn jitniżżlu fis-sistema tal-Windows u fis-sistema tal-Mac. Jaħdmu bit-tastiera ENG.

**Akkademja1** l-ittri ż-żgħar



**Akkademja1** l-ittri l-kbar



## **Akkademja2** l-ittri ż-żgħar



## **Akkademja2** l-ittri l-kbar



**Akkademja3** l-ittri ż-żgħar




**Akkademja3** l-ittri l-kbar



*«Jena nemmen li fil Chnifia imĸażża bil ĸaua, u virtù tas-Sagramenti imĸażża ħem il maħhfra tad-dnubiet tabilhhaĸ̈»*

Franġisku Wzzinu, *Taġħlim Nisrani migiub fil Ġharbi bl'ordini ta fant. mem. ta Paulu V. Min gdid ftampat fit-Talian mis Sacra Congregazioni tal Propaganda Fidi, u' migiub issa fil Malti mir-Reverendu Caffis Don Franciscu Wzzinu bl'ordini tall'Illustrissimu, u' Reverendissimu Monfignur F. Paulu Alpheran di Bussan Arcivifcuvu ta Damiata, u' Iskof ta Malta* (Ruma, 1752), 32



ġhamil ittajeb, li
iſir f'ħedi ilChniſia
phhal pceieċ tal
ġiſem tal bniedem
ħuma beinietħom
imſcerchin fil gid,
fil ĸaua,u fil ferhh.

*M.* Fiſſer il ġhaſciar
taĸſima ?

*D.* Jena nemmen li
fil Chniſia imĸaż-
ża bil ĸaua, u vir-
tù tas-Sagramen-
ti imĸażża ħem il
maħhfra tad-dnu-
biet tabilhhaĸ̈, u
illi il bnedmin li
ġhal dnubietħom
chienu sàru ulied
tad-Demoniu, u
ħhatjin tan-nar
tal'infern, b'ħieda
il mezz isiru ulied
Allà, u-uarrieta,
cioè



orazioni, e buone
opere, che in eſſa
Chieſa ſi fanno:
ſiccome le mem-
bra nel corpo hu-
mano partecipano
l'uno con l'altro
nel ſuo bene, ed al-
legrezza.

*M.* Dichiarate il de-
cimo articolo?

*D.* Io credo, che nel-
la Chieſa ſanta per
virtù de' Santiſſi-
mi Sagramenti ſi
dia veramente la
remiſſione de' pec-
cati. E che gli
uomini, i quali
già per i loro pec-
cati erano fatti fi-
gli del Demonio,
e rei del fuoco
dell' Inferno, per
mezzo ſuo ſi fan-
no figliuoli di
Dio,

***«Il vocali f'ilsien Malti ȣuma sitta a e i o u y leuel hamsa ɛandȣom il lehen, li yatuȣom Ittaliani»***

Francesco Vella u Giuseppe Montebello Pulis,
*Chtieb-Ilkari yau Dahla ɛal Ilsien Malti*
(Livorno, 1824), 6



6

| | |
|---|---|
| Z z — Ziemel. | ɛ — ɛasfur. |
| ɛ̇ — ɛ̇arbiel. | ȣ — Meȣries. |

I.° ARTICOLO.

*Fuk il vocali.*

Il vocali f' ilsien Malti ȣuma sitta *a e i o u y* leuel hamsa ɛandȣom il lehen, li yatuȣom Ittaliani, l' aħhar uahda tisua daks seuç *i*, phal *yau yati*.

***«Dil bhi-ma j∩i-dul-ha ɳa-zŷ-la. A-ra din ɰ'tyg-ri donn-ha riħ!»***

Attribwit lil Cleardo Naudi,
*Ktyb-yl-Qari, ∩at-Tfal*
(Malta, 1831), 6





**Ħ ħ**

**ĦAGLÆ.**

Yl ħa-gel jfer-fer gŭŷn-ħu u ja∩-mel ħaf-na ħsej-jes.



**Ɦ ɦ**

**ƦANZIR.**

Yl ɦnŷ-zer u yd-drâ-feg jŷk-lu m∩ag-gel u hu-ma maɦ-mu-gin ɰysq. Yt-tfâl ma ∩and-homɰ jku-nu bħâl-hom.



**∩ ∩**

**∩YNZ.**

Yl ∩ynz hu zeug yl mo∩-za u mys-sŷr yl ∩yd-jŷn.



**Ɲ ɳ**

**ɳAZYLÆ.**

Dil bhi-ma j∩i-dul-ha ɳa-zŷ-la. A-ra din ɰ' tyg-ri donn-ha riħ!

***«wara ftit li ħadt ir ruħ, tlayt fish shott sewa̋ u mteddeyt fuq il ħashish, minn åayr biza' li yilħaqni izyed il baħar»***

Attribwit lil Mikelanġ Camilleri,
*Il Ħaya̋ u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: Miktuba minnu in nifsu. Mijyuba mill'Inglis*
(Malta, 1846), 43



naf nåum taye̋b wisq, izda ma staytsh ninqala' mil mewja biesh nieħu in nifs, sa kemm flaħħar ntfayt ew biesh nåid aħyar tkarkart fuq ish shtayta, u bqayt hemma nofs meye̋t bl'ilma li blayt. Yen sh' naåmel? meta raytni fish shott uqaft fuq rijleya̋, u tlaqt nijri kemm åandi ħila åal jewa̋ l'ard, qabel ma tiji shi mewja oħra u tieħodni maåha; imma kollu kien åal sheyn, åash jiet il mewja kif ħsibt, u narja' nsibni taħt shi åashar ti-qiem ilma. Issa iva ħasseytni seye̋r ninqasam billi ridt nzomm nifs twil, izda minn wara tlayt fil wiċħ u ħadt in nifs. Domt hekka nissara mal mewj daqs darbteyn tlieta oħra, sama jiet waħda li sabbtetni tisbita ma' blata,



u ħallietni barra minn sessia; imma billi issa kont dħalt wisq jewa̋ l'ard, wara ftit li ħadt ir ruħ, tlayt fish shott sewa̋ u mteddeyt fuq il ħashish, minn åayr biza' li yilħaqni izyed il baħar.

***«Saħansitra il meuj tal baħar,***
***kif tḡidlu int yaḡmel»***

Annibale Preca, *Jrayya mill Istoria tal Ingilterra miktuba ḡall Iskeyyel tal Gvern* (Malta, 1886), 29

sewwa. In-nies t.ı madwaru biex yinħablu mieḡu kienu ifaħħruh f' wiccu u yonfħuh. Darba kif kien maḡhom f' xatt il baħar, bdeu iḡidulu: "U



Kanut u il kbarat tieḡu.

inti, min hu qawwi daqsek? Inti sid tal art u il baħar. Dak li tḡid int iseħħ. Saħansitra il meuj tal baħar, kif tḡidlu int yaḡmel."—" U tḡid yisma' minni il meuj?" wejibhom Kanut;" ħalli narau!

# Inizjattiva tal-Akkademja tal-Malti
# biex igawdu minnha r-riċerkaturi u l-istudenti
# f'għeluq il-mitt sena tagħha

L-Akkademja tal-Malti qiegħda tiċċelebra l-ewwel mitt sena tagħha (1920–2020) billi tfakkar l-iskop ewlieni għaliex twieldet, jiġifieri biex tistandardizza l-alfabett tal-Malti.



***Il-kunsill tal-Akkademja tal-Malti fl-2020***
*Mix-xellug: Joseph P. Borg, Reno Fenech, Ann Marie Schembri (Presidenta), Charles Casha, Rita Saliba, David Agius Muscat, Dr Olvin Vella, Sergio Grech, Dr George Farrugia, Daniel Bezzina u Phyllis Debono*

F'dawn it-tliet settijiet, maħduma mill-Akkademja tal-Malti, insibu l-ittri ta' alfabetti qodma li użaw il-kittieba tas-sekli 17, 18 u 19, fosthom:

- Ġan Franġisk Agius de Soldanis
- Franġisku Wzzinu
- Mikiel Anton Vassalli
- Ġwann Martin Cannolo
- Stefano Zerafa
- Mikelanġ Camilleri
- Richard Taylor
- Giovanni Carlo Grech Delicata
- Francesco Vella
- Ġużeppi Montebello Pulis
- Salvatore Cumbo
- Fortunato Panzavecchia
- George Percy Badger
- Annibale Preca
- Agostino Levanzin
- Ġużè Muscat Azzopardi

Direzzjoni, riċerka u editjar: David Agius Muscat - Disinn tal-ittri u produzzjoni: Outlook Coop - Pubblikazzjoni: L-Akkademja tal-Malti, 2020 - Hajr: Dr Mario Cassar, Reno Fenech, Thomas Pace u Dr Olvin Vella